



FLUSNA



# PROGRAMM TA' SĦUBIJA

Ningħaqdu flimkien biex innejju għall-€50 ġdida



BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

[www.karti-godda-tal-euro.eu](http://www.karti-godda-tal-euro.eu)  
[www.euro.ecb.europa.eu](http://www.euro.ecb.europa.eu)



## I. X'inhu l-Programm ta' Sħubija u kif jista' jgħinni?

EJJEW NINGĦAQDU!

3

KIF JISTA' JGħINNI L-PROGRAMM TA' SħUBIJA?

3

## II. Kif jaħdem il-Programm ta' Sħubija?

X'GĦANDI NAGħMEL BIEX INĤEJJI RUħI GĦALL-KARTI

L-ĠODDA TAL-EURO?

5

## III. Kif nista' nidħol fil-Programm ta' Sħubija?

MIN JISTA' JISSIEĦEB?

6

LIL MIN GĦANDI NIKKUNTATTJA?

6

## IV. X'fih il-Programm ta' Sħubija?

MATERJAL TA' KOMUNIKAZZJONI

8

MATERJAL EDUKATTIV

11



# I. X'INHU L-PROGRAMM TA' SĦUBIJA U KIF JISTA' JGĦINNI?

## > Ejjew ningħaqdu!

Il-Programm ta' Sħubija huwa mfassal biex jgħin lill-manifatturi u fornituri ta' apparat tal-karti tal-flus, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet professjonali, banek kummerċjali, bejjiegħa kif ukoll il-klijenti u l-utenti tagħhom iħejju ruħhom u jipplanaw għall-introduzzjoni tal-karti tal-flus ġodda tas-sensjela Europa.

## Kif jista' jgħinni l-Programm ta' Sħubija?

Il-Programm ta' Sħubija joffri firxa wiesgħa ta' materjal edukattiv u għodod ta' komunikazzjoni li jgħinuk tgħaddi tagħrif fuq il-karta l-ġdida tal-€50 u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħha lill-impjegati u l-klijenti tiegħek kif ukoll lil persuni oħra interessati. Il-Programm se jservi biex ifakkar lil kull min huwa konċernat li għandu jaġġorna l-magni u l-apparat tiegħu.

- > Il-materjal kollu jingħata bla ħlas.
- > Il-biċċa l-kbira minnu jinsab bil-lingwi uffiċjali tal-UE.
- > Jista' jitniżżel faċilment mit-taqsimi tal-Programm ta' Sħubija ([www.karti-godda-tal-euro.eu/Access-Dirett/Shab-fil-Programm](http://www.karti-godda-tal-euro.eu/Access-Dirett/Shab-fil-Programm), protetta bil-*password*).

Bħala sieħeb fil-Programm tirċievi wkoll aġġornamenti regolari fuq l-introduzzjoni tal-karta l-ġdida tal-€50.



## II. KIF JA#DEM IL-PROGRAMM TA' S#UBIJA?

Permezz tal-Programm, il-B#E u l-banek #entrali l-o#ra tal-Eurosistema:

- jikkomunikaw b'mod mifru#x, kemm direttament mal-imse#bin kif ukoll permezz tal-mezzi tax-xandir, fuq is-sensjela Europa u fuq il-ħtie#ra li l-apparat li jippro#essa u jivverifika l-karti tal-flus j#i a##ornat g#all-karta l-#dida tal-#50;
- jipprovdu materjal di#itali u stampat fuq il-karti tal-flus il-#odda kif ukoll il-logo "€ FLUSNA" f'formati li j#hinu lill-imse#bin jikkomunikaw mal-gruppi interessati;
- joffru lill-imse#bin fil-Programm il-possibbilt# li jqassmu materjal di#itali u stampat lest biex jintu#za b'ta#hrif dwar il-karti tal-flus il-#odda;
- jorganizzaw seminars g#all-manifatturi ta' apparat tal-karti tal-flus u partijiet interessati o#ra biex jipprovdu ta#hrif fuq il-karta l-#dida tal-#50 u fuq l-#ħajnuna li joffru l-banek #entrali nazzjonali tal-Eurosistema biex l-apparat tal-karti tal-flus j#i a##ornat fil-#in g#all-karta tal-flus il-#dida;
- jistiednu lill-imse#bin jiffirmaw Memorandum ta' Qbil li jorbothom jipprovdu assistenza f'waqtha biex il-magni li jippro#essaw il-karti tal-flus, il-magni tal-bej#h u tal-biljetti u l-apparat ta' verifika j#u a##ornati g#all-karta l-#dida tal-#50.

Permezz tal-Programm, l-imse#bin se jkunu #ġuri li l-materjal tal-B#E jitqassam lill-klijenti ta#ħhom u l-partijiet interessati kif ukoll lill-pubbliku.



## > X'għandi nagħmel biex inħejji ruħi għall-karti l-ġodda tal-euro?

### Manifatturi ta' apparat tal-karti tal-flus u bejgiegħa

ta' magni u tagħmir ieħor għandhom:

1. jibdedw jipplanaw biex jaġġornaw l-apparat tagħhom minn kmieni kemm jista' jkun;
2. iqassmu materjal b'taġħrif fuq il-preżentazzjoni uffiċjali u l-introduzzjoni tal-karta l-għdida tal-€50 lill-klijenti minn kmieni kemm jista' jkun, jew direttament jew permezz ta' distributuri, kif ukoll fuq il-ħtieġa li l-magni jġu aġġornati;
3. jipprovdu lill-klijenti b'aġġornamenti tas-software u l-hardwer, u jaġġtuhom żmien biżżejjed biex jaġġornaw il-magni u l-apparat.

### Utenti ta' magni u apparat li jipproċessaw u jivverifikaw il-karti tal-flus għandhom:

1. jikkuntattjaw lill-fornituri jew manifatturi sabiex jibdedw iħejju għall-aġġornament;
2. jinfirmaw u jħarrġu lill-impjegati, b'mod partikolari l-kaxxiera u dawk li jimmaniġġaw il-flus, biex jaġħrfu l-karti tal-flus il-għdida u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom;
3. jgħaddu taġħrif lill-klijenti, sħab u partijiet interessati fuq l-introduzzjoni tal-karta l-għdida tal-€50 qabel ma toħroġ.

## X'għandi nagħmel jekk inkun biħsiebi nixtri apparat għdid tal-karti tal-flus?

Jekk inkun biħsiebi nixtri magni u/jew apparat li jipproċessaw u/jew jivverifikaw il-karti tal-flus, għandi niċċekkja mal-fornituri jekk l-apparat jaċċetta, jew jistax jġi aġġornat biex jaċċetta, il-karti tal-flus il-għdida.

Il-listi tal-apparat u l-magni li jipproċessaw u jivverifikaw il-karti tal-flus li ġew ittestjati uffiċjalment mill-banek ċentrali tal-Eurosistema għall-kapaċità li jaġħrfu l-karti

l-għdida tal-€5, €10 u €20 jinsabu fil-websajt tal-BĊE hawn ([www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/devices/html/results.mt.html](http://www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/devices/html/results.mt.html)).

Il-listi se jkomplu jġu aġġornati fl-2016 u l-2017 biex jinkludu apparat ratifikat li jkun kapaċi jipproċessa l-karta l-għdida tal-€50, skont ir-risultati ta' testijiet oħra li jsiru mill-banek ċentrali tal-Eurosistema.



# III. KIF NISTA' NIDĦOL FIL-PROGRAMM TA' SĦUBIJA?

## > Min jista' jissieħeb?

> **Manifatturi u fornituri ta' apparat tal-karti tal-flus**, l-industrija tal-magni tal-bejgħ, kumpaniji li jgħorru l-flus b'sigurtà u dawk kollha li jipprovdu apparat jew servizzi tal-karti tal-flus, minħabba li jridu jinfurmaw lill-klijenti tagħhom kemm huwa importanti li l-magni u l-apparat li jipproċessaw il-karti tal-flus jiġu aġġornati għall-karti tal-flus il-ġodda.

> **Banek kummerċjali**, li huma għajn importanti ta' taġħrif fuq il-finanzi u għandhom kompetenza konsiderevoli fl-ipproċessar tal-karti tal-flus. Sehemhom huwa li jinfurmaw lill-pubbliku fuq il-karti tal-flus il-ġodda u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom.

> **Bejjieġha**, li għandhom sehem importanti għaliex jilqgħu flus kontanti mingħand il-klijenti tagħhom u jgħadduomlhom bħala bqija. Għandhom ukoll ikunu jafu sew il-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-euro u jkunu kapaċi jgħidu lill-klijenti tagħhom kif għandhom jagħrfu l-karti tal-flus tajbin.

> **Professjonisti fl-industrija tal-ivvjaġġar u operaturi li jsarrfu l-flus**, li huma għajn importanti ta' taġħrif fuq il-kambju ta' muniti għal min jivvjaġġa.

> **Organizzazzjonijiet professjonali, assoċjazzjonijiet tal-banek u għaqdiet tal-konsumatur** jew korpi uffiċjali oħra li, min-natura tagħhom, jipprovdu taġħrif fuq kwistjonijiet marbutin mal-flus kontanti.

Dan il-Programm għabar flimkien aktar minn 500 sieħeb industrijali u kummerċjali fl-2015. Qegħdin nistrieħu fuqek biex il-Programm tal-€50 ikollu suċċess akbar minn ta' qablu.

## > Lil min għandi nikkuntattja?

Tista' tirreġistra onlajn hawn [www.karti-godda-tal-euro.eu/Access-Dirett/Shab-fil-Programm](http://www.karti-godda-tal-euro.eu/Access-Dirett/Shab-fil-Programm).

Meta r-reġistrazzjoni tiegħek tiġi konfermata, tkun tista' tibgħat il-mistoqsijiet jew talbiet tiegħek għal pubblikazzjonijiet stampati lil:

### **Bank Ċentrali Ewropew**

Direttorat Ġenerali Komunikazzjoni  
Sonnemannstrasse 20  
60314 Frankfurt am Main  
Il-Ġermanja

**Telefon: +49 69 1344 5312**

**Fax: +49 69 1344 5775**

**Email: [partnershipprogramme@ecb.europa.eu](mailto:partnershipprogramme@ecb.europa.eu)**

Il-banek ċentrali nazzjonali se jipprovdu wkoll għajnuna lill-imsejbin f'livell lokali fuq il-kwistjonijiet kollha marbutin mal-aġġornament tal-apparat. Biex tikkuntattja l-bank ċentrali nazzjonali tiegħek, jekk jogħġbok żur:

[www.karti-godda-tal-euro.eu/shab/kuntatti](http://www.karti-godda-tal-euro.eu/shab/kuntatti)



## Għaliex bdew deġlin il-karti tal-flus tas-sensiela Europa?

Il-karti u l-muniti tal-euro huma magħrufin bħala mezz affidabbli ta' ħlas u ħażna ta' valur, u jgawdu l-fiduċja ta' 338 miljun ċittadin fid-19-il pajjiż taż-żona tal-euro.

Sabiex jibqgħu pass qabel il-falsifikaturi u jżommu l-integrità tal-karti tal-euro, li daħlu għall-ewwel darba fl-2002, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro bdew jintroduċu s-sensiela Europa ta' karti tal-euro fl-2013. Il-karta l-ġdida tal-€5 daħlet f'Mejju ta' dik is-sena u warajha daħlu l-karti l-ġodda tal-€10 u €20 f'Settembru 2014 u Novembru 2015 rispettivament. Il-karti l-ġodda se jkomplu joffru l-aqwa ħarsien kontra l-falsifikazzjoni u huma iżjed siguri. Għandhom karatteristiċi ta' sigurtà ġodda li huma frott

l-aħħar żviluppi fit-teknoloġija tal-produzzjoni tal-karti tal-flus.

Lsem is-sensiela l-ġdida ġej minn Europa, figura tal-mitoloġija Griega li tat isimha lill-kontinent tagħna. Ix-xbieha ta' wiċċha tidher fl-ologramma u fil-watermark tal-karti tal-flus il-ġodda.

Il-karta l-ġdida tal-€50 se tiġi preżentata uffiċjalment fl-5 ta' Lulju 2016 fil-Bank Ċentrali Ewropew. Għal darb'oħra, qegħdin nistrieħu fuq l-appoġġ sħiħ tal-manifatturi u l-fornituri tal-apparat tal-karti tal-flus biex niżguraw li t-tagħmir jiġi aġġornat bla xkiel u li t-tthejjiet isiru f'waqthom.



# IV. X'FIH IL-PROGRAMM TA' SĦUBIJA?

## Materjal ta' komunikazzjoni

It-tagħrif dwar il-karti l-ġodda tal-euro jista' jixxandar b'diversi modi. L-organizzazzjoni tiegħek tista' tagħżel il-materjal li tippreferi billi tqis il-ħtiġijiet tagħha, tal-klijenti, tas-sħab, tal-impjegati u tal-partijiet l-oħra interessati. L-għodod kollha ta' komunikazzjoni se jkunu fit-taqsimha Sħab fil-Programm hawn [www.karti-godda-tal-euro.eu/Access-Dirett/Shab-fil-Programm](http://www.karti-godda-tal-euro.eu/Access-Dirett/Shab-fil-Programm).

### FILMATI



**Isem:** DAWL FUQ IS-SENSIELA EUROPA: PREŻENTAZZJONI TAL-€50 ĠDIDA

**Meta:** Mill-5 ta' LULJU 2016

**Deskrizzjoni:** Filmat ta' 90 sekonda li jippreżenta l-karta l-ġdida u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħha.

**Fejn:** F'siti tal-internet, intranet u midja soċjali.



**Isem:** SKOPRI L-KARTA L-ĠDIDA TAL-€50, VERŻJONI SĦIĦA

**Meta:** Mir-REBBIEGĦA 2017

**Deskrizzjoni:** Klipp vivaċi u mżewwaq ta' 30 sekonda li fiha ċittadini taż-żona tal-euro jgħidu xi tfisser għalihom il-karta l-ġdida tal-€50. Il-filmat jagħlaq bil-karatteristiċi ta' sigurtà.

**Fejn:** F'siti tal-internet, intranet u midja soċjali. Se jkun ukoll fil-YouTube *channel* tal-BĊE.



**Isem:** SKOPRI L-KARTA L-ĠDIDA TAL-€50, VERŻJONI QASIRA

**Meta:** Mir-REBBIEGĦA 2017

**Deskrizzjoni:** Verżjoni ta' 12-il sekonda, bla ħoss, li tiffoka fuq id-disinn u l-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karta tal-flus u hija maħsuba biex tgħaddi tagħrif lin-nies f'postijiet fejn jistgħu jaraw il-karta l-ġdida għall-ewwel darba.

**Fejn:**

- > **ATMs**, ideali biex jinfurmaw lill-klijenti fuq il-karti tal-flus il-ġodda.
- > **Skrins** fil-ħwienet. Ma jservux biss għall-impjegati iżda wkoll għall-klijenti biex isiru jafu bil-karta l-ġdida, bit-tama li kolloxx jimxi sew fiċ-*checkouts* meta n-nies jaraw il-karti tal-flus il-ġodda għall-ewwel darba.
- > **Skrins** fil-magni tal-bejgħ u tal-biljetti, li jservu biex min jużahom ikun jaf li l-magni ġew aġġornati ħalli jaċċettaw il-karti tal-flus il-ġodda.
- > **Skrins** f'postijiet pubbliċi oħra, e.g. fit-trasport pubbliku.

### Meta għandhom jibdew jintużaw?

Il-BĊE jissuġġerixxi li l-filmati jibdew jintwerew minn ġimagħtejn qabel ma toħroġ il-karta l-ġdida u jinżammu fuq l-iskrins sa mill-inqas ġimagħtejn wara. F'dan iż-żmien in-nies għandhom ikunu raw il-karta l-ġdida mqar darba.



## RITRATTI U XBIHAT



**Meta:** Mill-ĦARIFA 2016

**Deskrizzjoni:** Ritratti li juru nies jużaw il-karti tal-flus fil-ħajja ta' kuljum. Xbihat tal-karti tal-euro tajbin għall-internet (72dpi, format jpeg) se jiġu provduti wkoll lil min jissieħeb fil-Programm.

**Fejn:** F'ċirkolarijiet, midja soċjali, siti tal-internet u intranet.

### Trid xbihat tal-karti tal-flus b'riżoluzzjoni għolja?

Għal dawk li għandhom interess leġittimu li jirriproduċu xbihat tal-karti tal-euro, il-BĊE produċa xbihat diġitali (300 dpi, format TIFF u mmarkati "specimen").

B'ix tikseb dawn ix-xbihat, idholl hawn [www.ecb.europa.eu/euro/html/hires.mt.html](http://www.ecb.europa.eu/euro/html/hires.mt.html).

## PUBBLIKAZZJONIJIET



**Gwida għall-kaxxiera**  
(12-il paġna, 105 mm x 198 mm)



**Kard lentikolari**  
(daqs karta tal-kreditu, 85 mm x 54 mm)



**Fuljett**  
(6 paġni, 110 mm x 210 mm)



**Poster**  
(A3, 297 mm x 420 mm)

**Meta:** Mill-ĦARIFA 2016


**Deskrizzjoni:** Verżjonijiet PDF ta' erba' pubblikazzjonijiet differenti li jistgħu jiġu stampati: il-fuljett, il-poster u l-gwida għall-kaxxiera joħorġu bi 23 lingwa filwaqt li l-kard lentikolari toħroġ bi 15-il lingwa. Bis-saħħa ta' dawn il-pubblikazzjonijiet, in-nies isiru midħla tal-karta l-ġdida tal-€50 u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħha.

**Fejn:** F'siti tal-internet u ħwienet. Hemm ukoll link għall-verżjoni diġitali *flipbook* hawn: [www.karti-godda-tal-euro.eu/Materjal-Edukattiv-u-Pubblikazzjonijiet/Pubblikazzjonijiet](http://www.karti-godda-tal-euro.eu/Materjal-Edukattiv-u-Pubblikazzjonijiet/Pubblikazzjonijiet).

### Trid kopji stampati?

Jekk tippreferi materjal stampat, ibgħat *email* lil [partnershipprogramme@ecb.europa.eu](mailto:partnershipprogramme@ecb.europa.eu) u għid kemm trid kopji. Jibqgħu jittqasmu sakemm jifdal minnhom. Il-pubblikazzjonijiet bil-karta tal-€50 għida ma joħorġux fl-idejn qabel il-bidu tal-2017.

## DATI IMPORTANTI GĦALL-€50 ĠDIDA




**Meta:** Mill-5 ta' LULJU 2016

**Deskrizzjoni:** L-Eurosistema se torganizza sensiela ta' avvenimenti u attivitajiet li jwasslu sa ma toħroġ il-€50 ġdida.

**Fejn:** F'siti tal-internet, intranet u ċirkolarijiet.

## IL-LOGO "€ FLUSNA"



**Meta:** Jista' jinkiseb minnufih


**Deskrizzjoni:** Il-Bank Ċentrali Ewropew ilu mill-2001 juża l-logo "€ FLUSNA" biex jindika t-tagħrif uffiċjali fuq il-karti u l-muniti tal-euro. Meta tuża dan il-logo, iżżid it-timbru tal-awtorizzazzjoni mal-materjal kreattiv tiegħek.

Il-logo "€ FLUSNA" bi 23 lingwa jinsab fil-parti ristretta tas-sit tal-karti tal-euro. Jekk tuża l-logo fis-sit elettroniku tiegħek nitolbuk ġentilment timxi mal-istruzzjonijiet provduti ([www.new-euro-banknotes.eu/partners/logos](http://www.new-euro-banknotes.eu/partners/logos)).

**Fejn:** Fl-għodod kollha ta' komunikazzjoni.

# Materjal edukattiv

## EURO CASH ACADEMY



Module għal siti elettroniċi



App għal smartphones

**Meta:** Mis-SAJF 2016

**Deskrizzjoni:** Module għal siti elettroniċi u app għal smartphones li jippermettulek tesplora l-karti tal-euro u l-karatteristiċi ta' sigurtà tagħhom kemm onlajn kif ukoll offlajn. Tista' tipprowa kwizz jew iddur dawra ma' pjazza f'belt virtwali u tiskopri l-karatteristiċi ta' sigurtà moħbijin fiha.

**Fejn:** F'siti tal-internet, intranet, mobajls u tablets.

## PAĠNI WEB B'TAGĦRIF FUQ IL-KARTI TAL-FLUS U L-MUNITI

**Meta:** Mill-5 ta' LULJU 2016

**Deskrizzjoni:** Paġni web b'materjal edukattiv biex issir taf iżjed dwar il-karti tal-euro, tiskopri l-karatteristiċi ta' sigurtà f'filmati qosra u tqabbel il-karti tal-flus.

**Fejn:** F'siti tal-internet u intranet.

## Trid iddañhal paġni web b'tagħrif fuq il-karti tal-flus u l-muniti jew il-Euro Cash Academy fis-sit tiegħek?

Dan tista' tagħmlu permezz tal-*iFrames* – bi 23 lingwa tal-UE. Il-paġni jistgħu jiġu inkorporati bla problemi f'sit elettroniku jew intranet b'mod permanenti jew temporanju. Ara t-taqsimha Sħab fil-Programm hawn [www.new-euro-banknotes.eu/Direct-Access/Partners/Downloadable-content](http://www.new-euro-banknotes.eu/Direct-Access/Partners/Downloadable-content) jew ibagħtilna *email* hawn għal iżjed tagħrif [partnershipprogramme@ecb.europa.eu](mailto:partnershipprogramme@ecb.europa.eu)

## FILMATI U XBIHAT TAL-KARATTERISTIĊI TA' SIGURTÀ



**Meta:** Mill-5 ta' LULJU 2016

**Deskrizzjoni:** Filmati qosra u xbihat tal-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karta l-ġdida tal-€50.

**Fejn:** F'materjal għat-taħriġ.



